TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 8/18-F

**Sidney Ellul Sullivan**

**vs**

**Fair Deal Furniture**

Illum 8 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Jannar, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet mija, u disgħa u disgħin ewro (€399), rappreżentanti prezz ta' *recliner sofa.*

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *2 seater recliner sofa* mingħand is-soċjeta' ntimata, u wara li xtratu ħasset li r-*recliner* kien artab u mhux bħal dak ta' wieħed ġdid, u li kien is-sufan li kien hemm fix-showroom. Għalhekk ir-rikorrenti qed titlob li tingħata sufan ġdid u mhux dak li kien hemm fix-showroom.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi r-*recliner sofa* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888